# PJAN TAL-LEZZJONI - UNIT 1.6

Kap: Alla ħalaq kollox tajjeb u sabiħ.

Lezzjoni:1.6 Alla ħalaq id-dinja

L-Għanijiet:



L-istudenti:

1. Jerġgħu jirrevedu l-istorja tal-ħolqien.
2. Jaraw kif Alla ħalaq id-dinja u l-elementi li hemm fiha.
3. Jitgħallmu li l-istorja tal-Ħolqien qiegħda fil-Bibbja.
4. Jifhmu li l-ħolqien jitkellem u juri l-imħabba t'Alla.

Ir-riżorsi għal-lezzjoni:



- Bibbja għat-Tfal.
- stampa kbira tal-ħolqien.
- stampi differenti ta' affarijiet li naraw madwarna (ppt 1.5 - X'ħalaq Alla)
- websajt: *Creation Dynamation - Kids 4 Truth* http://kids4truth.com/Dyna/Creation/English.aspx
- Karta ta' taħriġ: 1.3

## Naqsmu flimkien - Introduzzjoni u diskussjoni tal-bidu

❖ Sib **stampa tal-ħolqien**. Għatti kull oġġett li hemm fl-istampa b'karta differenti (jew uża l-*interactive whiteboard*). Staqsi lit-tfal "X'ħalaq Alla?" u t-tfal isemmu l-affarijiet li ħalaq Alla u jippruvaw isemmu dawk l-affarijiet li jkun hemm fuq l-istampa tal-għalliema. Ikxef kull oġġett li jsemmu t-tfal. Jekk isemmu xi affarijiet li ma jkunux fl-istampa imma li jkunu tajbin xorta waħda, għodd ir-risposta bħala waħda tajba.

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)

❖ Erġa' fakkar l-istorja tal-ħolqien (ara l-lezzjoni ta' qabel - tista' tuża Bibbja għat-tfal u vidjow). Spjega kif Alla ħalaq in-natura, l-annimali, in-nies. Għid lit-tfal biex isemmu xi affarijiet li nsibu meta mmorru xi passiġġata fil kampanja jew ħdejn il-baħar; xi annimali; ismijiet ta' nies li jafu huma.

❖ Uri stampi differenti ta' affarijiet li naraw madwarna (ppt 1.5 - X'ħalaq Alla) siġra, qattus, karozza, ajruplan, sħab, tfal u ktieb. Uri l-istampi waħda waħda u flimkien mat-tfal ara ftit liema minnhom ħalaq Alla. Tista' żżid iktar affarijiet li jsemmu t-tfal stess. Irreferi għall-istorja tas-7 ijiem li fiha Alla ħalaq id-dinja.

*Aħdem Karta ta' Taħriġ 1.3.*
Ftakar fit-tfal li jsibuha diffiċli li jpinġu biex ikollhom ftit għajnuna.

## Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)

1. L-istorja tal-Ħolqien insibuha fil-Bibbja.
2. Alla ħalaq is-sema u l-art u dak kollu li hemm fiha.
3. Alla ħalaq dan kollu għaliex huwa Missierna u jħobbna.
4. Ngħidu 'Grazzi!' lil Alla li ħalaq dan kollu għalina.

## Nagħżlu flimkien (Attitude)

Niftakru li Alla huwa l-ħallieq tad-dinja. Huwa ħalaq id-dinja għaliex iħobbna. Għalhekk irridu nieħdu ħsieb l-ambjent u ħsieb tana nfusna wkoll.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

**Uri websajt**: *Creation Dynamation - Kids 4 Truth*
[http://kids4truth.com/Dyna/Creation/English.aspx](http://kids4truth.com/Dyna/Creation/English.aspx)

**Nitolbu**

Alla ħalaqni. Alla jħobbni.

Alla ħalaq l-affarijiet ta' madwari.

Grazzi Alla ta' dak kollu li tajtni.

Għinni biex nieħsu ħsieb dak li ħlaqt inti.

Jien nħobbok ħafna.

Ammen!